Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8703 — Porsche Digital/Axel Springer/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 401/11)

1. Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Porsche Digital GmbH ("Porsche Diġitali", il-Ġermanja), proprjetà kollha kemm hi ta' Dr. Ing. h.c. F. Porsche Aktiengesellschaft ("Porsche", il-Ġermanja), it-tnejn jappartjenu għall-Grupp Volkswagen Aktiengesellschaft ("VW", il-Ġermanja);

— Axel Springer Digital Ventures GmbH ("ASDV", il-Ġermanja), proprjetà kollha kemm hi ta' Axel Springer SE ("Axel Springer", il-Ġermanja);

— Impriża konġunta (joint venture company, "JVC") — entità mwaqqfa ġdida li se tkun attiva fil-provvista u l-finanzjament ta' impriżi ġodda u fl-iżvilupp ta' negozji ġodda permezz ta' aċċeleratur konġunt għal investimenti tal-bidu (fil-fażi bikrija).

Wara l-implimentazzjoni tal-operazzjoni ta' konċentrazzjoni, Porsche (f'isem il-Grupp Volkswagen) u Axel Springer se jkunu jistgħu jeżerċitaw kontroll konġunt fuq il-JVC. Din l-operazzjoni notifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Porsche Digital: Porsche Diġitali hija attiva f'investiment kapitali diġitali u sservi ta' venture unit ta' Porsche, kif ukoll ċentru ta' kompetenza diġitali ta' Porsche. Porsche hija manifattur tal-karozzi speċjalizzati fid-disinn, il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' karozzi sportivi bi prestazzjoni għolja, SUVs, u sedans. L-attivitajiet tal-Grupp Volkswagen jinkludu d-disinn, il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief, trakkijiet, karozzi tal-linja u muturi.

— għal ASDV: Hija attiva f'investimenti tal-venture capital diġitali u hija l-venture unit diġitali primarju ta' Axel Springer. Axel Springer tikkostitwixxi f'kumpanija multimedjali integrata b'operazzjonijiet diġitali f'diversi oqsma, kif ukoll hija l-ikbar pubblikatur tal-ġurnali fl-Ewropa.

— għall-Joint Venture Company ("JVC"): Il-JVC se tkun attiva fil-provvista u l-finanzjament ta' impriżi ġodda u fl-iżvilupp ta' negozji ġodda permezz ta' aċċeleratur konġunt għal investimenti tal-bidu (fil-fażi bikrija).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8703 — Porsche Digital/Axel Springer/JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË